

Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2010 — Allen vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-23/10)**

(2010/C 161/93)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Finola Allen (Armação de Pera, il-Portugall) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal rikonoxximent ta' mard gravi.

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob lit-Tribunal jogħġbu jordna:

— l-annullament tad-deċiżjoni, tat-30 ta' Ġunju 2009, li tiċħad l-applikazzjoni tagħha għal rikonoxximent ta' mard gravi u, jekk meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2009;

— jekk meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni, tat-8 ta' Jannar 2010, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;

— konsegwentement, ir-rikonoxximent ta' mard serju fir-rigward tal-marda tagħha kif deskritta fl-applikazzjoni tagħha tad-19 ta' Mejju, kif ikkompletata fit-2 ta' Lulju 2009, u kopertura kompleta sa mill-1 ta' Lulju 2009;

— sussidjarjament, kopertura mill-assigurazzjoni għall-mard sal-10 ta' Lulju 2009;

— il-ħlas ta' danni evalwati *ex aequo et bono* u fuq bażi provviżorja għal EUR 1;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2010 — Kaskarelis vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-24/10)**

(2010/C 161/94)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Loukas Kaskarelis (Auderghem, Il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tirrifjuta lir-rikorrent l-għoti tal-allowance ta' espatrijazzjoni, tal-allowance ta' installazzjoni u tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Pagament ta' Drittijiet Individwali (PMO) li tirrifjuta l-għoti tal-allowance ta' espatrijazzjoni, tal-allowance ta' installazzjoni u tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' impjieg li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2010 — AG (*) vs Il-Parlament**(Kawża F-25/10)**

(2010/C 161/95)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: AG (*) (rappreżentanti: S. Rodriguez u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova kif ukoll il-kumpens għad-danni sostnuti.

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni ta' tkeċċija, tal-14 ta' Mejju 2009, meħuda flimkien mad-deċiżjoni tar-rifjut tal-ilment, tal-21 ta' Diċembru 2009;
 - jindika lill-Awtorità tal-Ħatra l-effetti tal-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati u b'mod partikolari l-possibbiltà li jsir perijodu ta' prova ieħor jew l-estensjoni tal-perijodu ta' prova li fi tmiemu ssir evalwazzjoni ġdida tal-kapaċitajiet tagħha;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni subiti mir-rikorrenti, kemm minn prospettiva professjonali u finanzjarja (b'referenza għat-trattament u vantaġġi relatati li r-rikorrenti setgħet tirċievi mis-16 ta' Mejju 2009 sad-data tal-integrazzjoni mill-ġdid tagħha li tirriżulta mill-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati), kif ukoll mill-perspettiva morali (b'referenza għall-ammont indikattiv u provviżorju ta' EUR 50 000);
 - jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.
-